**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 2 ta' Marzu 2017**

**Pulizija**

**Spettur Maurice Curmi**

**Vs**

**Kim Mizzi**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Kim Mizzi ta' 21 sena bin Vincent u Joan nee' James imiweled Pieta' fid-9 ta' Novembru 1994 u joqghod 'Ta Pinu', Triq Salvinu Spiteri, Santa Venera, detentur tal-karta tal-identita' numru 486594M;

Talli fit-18 ta' Jannar 2015 ghall-habta tat-tmienja w nofs ta' filghaxija (20:30 hrs) fl-Empire Cinema, San Pawil il-Bahar:

1) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Bernice Zammit detentrici tal-karta tal-identita' numru 521896M, skond kif iccertifikat it-Tabib Louise Gatt MD (Numru tar-Reg. 2189), mil-Mosta Health Centre;

2) Aktar talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna hsarat cioe kisser bieb tal-hgieg fl-Empire Cinema, San

Pawl il-Bahar, liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt euro (€500), izda izjed minn mitejn u hamsin euro (€250), ghad-detriment tas-socjeta' Polidano Leisure Limited;

3) Il-qorti hija gentilment mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-parti leza, Bernice Zammit, akkumpanjata minn ommha, iddikjarat li qed tirrinunzja ghall-azzjoni fil-konfront tal-imputat, u li llum huma rrikonciljaw, u ghalhekk ma kellha ebda pretensjoni fil-konfront tieghu;

Rat illi t-tieni akkuza kienet preskritta, peress illi ghadda t-terminu skond il-ligi;

Rat illi l-Prosekuzzjoni ma kellhiex aktar provi;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 214, 216, 328, 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti qieghda tiddikjara l-ewwel akkuza bhala procediment ezawrit

Din il-Qorti qieghda tiddikjara t-tieni akkuza preskritta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**